MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 662/2002/1

**Francis Vella u martu Doris**

**-vs-**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-10 ta' Ġunju 2002 illi permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Peress li l-attur kien sarilhom *search* u elevazzjoni ta' oġġetti mid-dar tagħhom "Casolani" Tortell Street, Paola, meta mill-istess post inġarru diversi oġġetti ta' valur, u dan f'Ġunju, 1984, u sussegwentement ittieħdu proċeduri kriminali kontra l-attur Francis Vella, liema proċeduri llum huma mitmuma.

Peress illi mill-istess proċess jirriżulta li diversi oġġetti ta' valur li ħarġu mid-dar tagħhom, qatt ma ġew ritornati lilhom, u ma jinstabux esebiti fil-proċess.

Peress illi l-oġġetti in kwistjoni kienu ta' valur rilevanti ħafna, *stante* li kienu oġġetti ta' valur ta' antikwarjat, u oġġetti prezzjużi, barra kollezzjonijiet li biss partijiet minnhom jinstabu esebiti.

Peress illi l-atturi interpellaw lil konvenut biex tirritornalhom immedjatament l-oġġetti kollha li huma proprjeta' tagħhom li ġew elevati u mhux esebiti u għalhekk responsabbli għalihom il-korp tal-pulizija li elevawhom.

Peress li jirriżulta li dan l-oġġetti ntilfu jew insterqu meta kienu taħt il-kontroll tal-pulizija, u għalhekk huwa responsabbli l-konvenut għad-danni sofferti mill-atturi.

Jgħid il-konvenut għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi bin-nuqqas ta' diversi oġġetti prezzjużi li kienu taħt il-kontroll tal-pulizija u li qatt ma ġew esebiti jew ritornati lilhom;

- tikkundanna lill-istess konvenut li fi żmien qasir u perentorju jirritorna l-oġġetti kollha li ġew elevati u mhux ritornati lill-istess attur wara s-*search* li kien sar f' Ġunju, 1984;

- tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi bin-nuqqas ta' diversi oġġetti prezzjużi li kienu taħt kontroll tal-pulizija u li qatt ma ġew esebiti jew ritornati lilhom, jew jistgħu jiġu ritornati lilhom;

- tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-atturi s-somma li tiġi hekk likwidata.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju 2002, kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, ippreżentata fl-20 ta’ Awissu 2002, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-elevazzjoni ta’ l-oġġetti mill-abitazzjoni ta’ l-atturi saret f’Ġunju 1984 u dan in forza ta’ att amministrattiv mill-Pulizija. Illi skond l-artikolu 469A tal-Kap. 12, l-impunjazzjoni ta’ l-att amministrattiv u l-kawża għall-likwidazzjoni tad-danni konsegwenzjali, trid issir fi żmien sitt xhur minn mindu l-persuna tkun saret taf bl-att dannuż. Japplika, għalhekk, it-terminu ta’ dekadenza għaċ-ċitazzjoni intavolata mill-attur.

2. Illi fit-tieni lok u subordinatament għall-eċċezzjoni preċedenti għat-talbiet ta’ l-attur tosta wkoll l-preskrizzjoni għat-tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

3. Illi subordinatament, mal-bidu tal-proċeduri kontra l-attur, l-eċċipjent esebixxa kulma ġie elevat mill-pulizija mingħand l-attur taħt l-awtorita’ tal-Qorti b’hekk huwa mhux leġittimu kontradittur.

4. Illi subordinatament u fil-mertu t-talbiet kollha ta’ l-attur mhux talli huma infondati fil-fatt u fid-dritt iżda talli huma frivoli u vessatorji għaliex l-esponent ma tilef l-ebda oġġetti appartenenti lill-attur u ma kkawżalu l-ebda dannu.

Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mill-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Diċembru 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li jiġu ritornati lura lilu oġġetti allegatament elevati mill-Pulizja in konnessjoni ma’

proċeduri kriminali li saru fil-konfront tiegħu u li llum huma konklużi. Sorprendentement ma ġietx esebita s-sentenza finali fir-rigward la mill-attur u lanqas mill-konvenut u allura l-Qorti hija sajma minn dan l-aspett. Għalhekk għalkemm ma saret ebda prova fir-rigward, ma jidhirx li saret xi ordni ta' konfiska mill-Qorti Kriminali għaliex wieħed jifhem li kieku dan kien il-każ il-konvenut kien iressaq eċċezzjoni fir-rigward.

Ma hemmx kontestazzjoni li kif jgħid l-attur fl-1984 il-Pulizija elevat numru sostanzjali ta' oġġetti mingħand il-konvenut waqt investigazzjoni li kienet qed tagħmel. Żewg listi ta' dawn l-oġġetti ġew esebiti a fol 117 tal-proċess mill-istess konvenut. Ma' din il-lista ġew esebiti ukoll ix-xhieda tal-pulizija li nvestigaw il-każ u l-akkużi li kellu l-attur. Jirriżulta li ċertu Ian Ellis irtira wħud minn dawn l-oġġetti bl-awtorizżazzjoni tal-Qorti Kriminali f'Lulju 2004. Jirriżulta li dawn l-oġġetti kollha kienu ġew esebiti mill-Ispettur Daniel Gatt taħt l-awtorita' tal-Qorti Kriminali u allura jirriżulta bl-iktar mod ċar illi minn dakinhar u ċjoe' l-10 ta' Lulju 1984 dawn l-oġġetti ma baqgħux għand il-konvenut iżda taħt l-awtorita' tal-Qorti tal-Maġistrati. Kien x'kien allura huwa ċar għall-Qorti li t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut hija fondata u għandha tiġi milqugħa u għalhekk m'hemmx lok, b' eċċezzjoni żgħira li jiġu diskussi t-talbiet u l-eċċezzjonijiet l-oħra.

L-unika eċċezzjoni hija fir-rigward ta' salib tad-deheb li l-ex Spettur Gatt ammetta fid-depożizzjoni tiegħu illi ntilef meta kien għadu f'idejn il-Pulizija. Fuq dan ma hemmx x'wieħed jiddiskuti fit-tul lanqas għaliex huwa ċar li din ir-responsabbilta' legali ma ġietx minħabba l-att amminstrattiv per se li għalih hemm riferenza. Fir-rigward tal-preskrizzjoni pero' jidher li ċar li l-attur kien jaf li l-oġġett intilef fl-istadju bikri tal-proċeduri u allura għadda t-terminu preskrittiv; ix-xhieda ta' l-Ispettur Gatt (li llum kif ġia' ngħad ma għadux fil-Korp tal-Pulizija) ma tistax tammonta għal ammissjoni tal-konvenut kif trid il-liġi u allura xi ksur tal-preskrizzjoni. Għalhekk anke t-tieni eċċezzjoni għandha tiġi akkolta fejn jidħol dan l-oġġett.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talba fir-rigward tas-salib tad-deheb u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tat-talbiet konċernanti l-oġġetti l-oħra kollha; l-ispejjeż a kariku ta' l-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------